





# Il-Ħmistax-il Edizzjoni tal-Parlament EkoSkola

## Ġabra ta’ interventi li saru mill-istudenti

L-4 ta’ Ġunju 2021



## Programm

**Talba tal-Bidu:** Lara Spiteri u Nathan Fenech mill-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A, Żabbar

**Diskors tal-ftuħ:** is-Sur Vincent Attard, President Eżekuttiv /CEO, Nature Trust-FEE Malta

**Introduzzjoni Ġenerali:** il-Prof Paul Pace, Koordinatur Nazzjonali t'EkoSkola

**Qari tal-Mozzjoni dwar EkoSkola:** Sarah Mifsud u Matthias Borg mill-Kulleġġ San Beneditu, Skola Primarja, Ħal Għaxaq

**Intervent mill-istudenti dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni:** Alissa Grech Banks u Quintin Bonett mill-Kulleġġ Santa Teresa, Skola Medja, Birkirkara

**Intervent mill-istudenti dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni:** Anna Camilleri u Stephanie Attard mill-Kulleġġ ta' Għawdex, Skola Primarja, San Lawrenz

**Tweġiba mill-Onor. Robert Cutajar, Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima**

**Intervent mill-istudenti dwar in-Newtralità u s-Sekwestrazzjoni tal-Karbonju:** Jethro Azzopardi Duca u Kezayah Zahra mill-Kulleġġ Santa Klara, Skola Primarja, San Ġwann

**Tweġiba mill-Onor. Aaron Farrugia, Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar**

**Intervent mill-istudenti dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni:** Shannie Lee Maria Ciappara u Kayleigh Demanuele mill-Kulleġġ San Tumas More, Skola Medja, Ħal Tarxien

**Tweġiba mill-Onor. Tony Bezzina, Kelliem tal-Oppożizzjoni għat-Trasport u l-Infrastruttura**

**Intervent mill-istudenti dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni:** Cesca Vassallo u Elisa Marie Friggieri mill-Iskola Our Lady Immaculate, il-Ħamrun

**Tweġiba mill-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għat-Trasport, Infrastuttura u Proġetti Kapitali**

**Intervent mill-istudenti dwar il- Konsum Sostenibbli tal-Ikel:** Giuseppe Abela u Nathan Grech mill-Kulleġġ San De La Salle, Junior School

**Tweġiba mill-Onor. Clyde Puli, Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni u Sport**

**Intervent mill-istudenti dwar il- Konsum Sostenibbli tal-Ikel:** Kristina Mifsud u Dawn Desira mill-Junior School ta' Santa Dorothea, tas-Sliema

**Intervent mill-istudenti dwar it-Tniġġis tal-Baħar u t-Telf tal-Bijodiversità:** Gabriel Pullicino u Yevgeny Spiteri mill-Kulleġġ Santu Wistin, tal-Pieta

**Tweġiba mill-Onor. Dr Bernard Grech, Kap tal-Oppożizzjoni**

**Intervent mill-istudenti dwar it-Tniġġis tal-Baħar u t-Telf tal-Bijodiversità:** Denilson Borg u Thais Cassar mill-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja, tal-Isla

**Intervent mill-istudenti dwar it-Tniġġis tal-Baħar u t-Telf tal-Bijodiversità:** Gianluca Baldacchino u Kurt John Grech mill-Kulleġġ San Dwardu, il-Birgu

**Tweġiba mill-Onor. Dr Robert Abela, Prim Ministru**

**Approvazzjoni tal-Mozzjoni**

**Mozzjoni dwar l-EkoSkola mressqa lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati**

**fl-4 ta' Ġunju 2021**

Onorevoli Membri tal-Kamra tad-Deputati,

Grazzi ħafna talli sibtu l-ħin li tingħaqdu magħna għal din il-verżjoni virtwali tal-Parlament ta' EkoSkola. Għal kważi sena u nofs dan kien il-mezz li bih ħdimna, tgħallimna u ltqajna ma' xulxin. Kien hemm żmien meta t-tagħlim online kien jidher xi ħaġa tal-futur. Imma l-COVID-19 malajr wassalna biex naddattaw ruħna għal stil ġdid ta' ħajja. Dak li qabel kien diffiċli biex isir, f'daqqa waħda sar – għax pajjiżna ngħaqad ħaġa waħda kontra dan il-virus. Għamilna minn kollox biex ma nħalluhx jirbħilna.

Il-pandemija kienet iebsa ħafna għalina. Kellna niċċaħħdu min-nanniet, mill-ħbieb tagħna, mill-ħruġ, mid-divertiment u, kien hemm min, anke tilef xi familjari. Imma matul din il-pandemija kien hemm ukoll mumenti sbieħ: nies li għenu lil persuni oħra li kienu fil-bżonn; persuni jaħdmu mid-dar; arja aktar nadifa minħabba n-nuqqas ta' karozzi; u d-dehra ta' xi annimali (bħal dniefel u fkieren) fl-ibħra tagħna. Ix-xewqa tagħna hi li ma ndumux ma nirbħu lil dan il-virus qerriedi. Imma nixtiequ wkoll li nżommu dawk l-affarijiet sbieħ li kellna u ma nerġgħux immorru lura qisu qatt ma kien xejn.

Kemm hi qerrieda l-pandemija? Quddiem il-ħsara li riesqa lejna minħabba t-tibdil fil-klima mhi xejn! Għall-COVID-19 hemm it-tilqima, imma għat-tibdil fil-klima m'hemmx. Is-soluzzjoni mhix faċli u hemm bżonn li pajjiżna jieħu deċiżjonijiet ebsin biex niġġieldu t-tibdil fil-klima. Ma nistgħux nibqgħu sejrin qisu mhu qed jiġri xejn għax sadanittant il-futur tagħna qed isir aktar inċert. Ma nistgħux nifhmu kif f'diskussjonijiet fuq il-futur ta' pajjiżna, jew aħjar fuq il-futur tagħna, ma tagħtux kas tal-opinjoni tagħna bis-serjetà.

Din hija l-ħmistax-il darba li qed niltaqgħu magħkom biex flimkien niddiskutu mod kif intejbu l-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna. L-aħħar darba li ġejna fiżikament fil-parlament kienet saritilna l-wegħda li sa jibda jkollna laqgħat mal-Kumitat tal-Kamra dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li matulhom inwasslu s-suġġerimenti u l-inkwiet tagħna. Imma din il-wegħda ma seħħitx! F'isem sħabi nixtieqkom taraw fina lil uliedkom u lin-neputijiet tagħkom u minflok tiggustawna biss tagħmlu ħilitkom verament biex tisimgħuna u tagħtu kasna. Aħna bħalkom inħobbu lil pajjiżna u bħalkom nixtiequ nagħtu sehemna biex pajjiżna jkun aħjar.

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ Santa Teresa, Skola Medja, Birkirkara dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Aktar ma l-popolazzjoni globali, kif ukoll dik lokali, tiżdied fin-numru, aktar qegħdin inġarrbu l-effetti tal-urbanizzazzjoni. Dan it-tibdil wassal biex ikun hemm tibdil drastiku fil-ħajja soċjali.

Iktar kemm jgħaddi żmien iktar qed naraw l-urbanizzazzjoni teqred kull element tradizzjonali Malti. Dan jidher ċar mill-mostri ta' torrijiet ta' konkrit li qed jinbnew madwar din il-gżira ċkejkna tagħna. Aħna, Alissa u Quintin, flimkien mal-istudenti membri l-oħra tal-EkoSkola tal-Kulleġġ Santa Tereża Ta' Paris, iddiskutejna s-sitwazzjoni tal-urbanizzazzjoni f'Malta. Bħala tim ħriġna b'numru ta' punti flimkien ma' xi suġġerimenti li żgur se jgħinu biex niksbu aktar kontroll ta' din is-sitwazzjoni li qed taċċellera b'ritmu pjuttost mgħaġġel.

L-ewwel punt li kollha kemm aħna qbilna dwaru huwa l-ammont ta' bini li qed ikerrah l-ambjent tagħna. Sfortunatament, minħabba l-urbanizzazzjoni, żdiedu l-ibliet u naqsu sew l-irħula tradizzjonali Maltin li qed jinfnew minn bini għoli. Aktar ma jgħaddi żmien, l-artijiet għall-biedja u għal skopijiet rikreattivi dejjem qed jonqsu. Bħala studenti fhimna l-importanza u l-bżonn ta' ċertu proġetti, fosthom il-bini ta' ċentri industrijali u kummerċjali. Iżda ma rridux ninsew li l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli huma mibnija mhux biss fuq l-ekonomija, iżda wkoll fuq il-ħarsien tal-ambjent u l-ħajja soċjali. Nifhmu li mill-aspett ekonomiku, proġetti ta' bini ġdid kapaċi jagħtu spinta lit-turiżmu. Madankollu, liema turist se jieħu gost jiġi fi gżiritna biex minflok jistrieħ u jirrilassa fin-natura Maltija, jispiċċa jħossu fgat qalb il-bini u l-konkrit? Xi ngħidu għall-bini abbandunat madwar il-Gżejjer?

It-tieni punt li nixtieqi nqajmu huwa t-tniġġis li l-urbanizzazzjoni qed tikkawża. Dan kollu qed iħalli wkoll impatt ferm ħażin fuq saħħitna. Hawn ċerti żoni f'Malta fejn huwa viżibbli ammont kbir ta' trab fl-arja. Ovvjament, dan it-tip t'ambjent żgur mhux qed iħalli impatt pożittiv fuq iċ-ċittadini li jbatu mill-ażżma. Ma ninsewx ukoll li t-traffiku, li dejjem qed jiżdied minħabba ż-żieda ta' żoni urbani, żgur ma jgħinx biex tissolva l-problema ta' mard respiratorju jew biex jitnaqqas l-ammont ta' storbju.

Ma rridux ninsew ukoll li meta aħna nkunu qed nibnu fuq l-art, inkunu qed innaqqsu l-abitat naturali tal-flora u fawna lokali. Irridu nżommu f'moħħna l-ammont kbir ta' flora u fawna li huma indiġeni jew endemiċi, li x-xagħri u l-ispazji naturali fejn jgħixu dejjem qed jonqsu aktar ma jgħaddi ż-żmien. Ngħidu aħna, jekk wieħed ikollu għalqa jew żona fix-xagħri fejn hemm is-sagħtar, jekk wieħed se jibni blokka flettijiet fiha, din mhux biss se twassal biex tinqered din il-pjanta, iżda wkoll se toħloq impatt fuq il-produzzjoni tal-għasel lokali. Irridu nżommu f'moħħna wkoll li aktar ma nieħdu minn dawn iż-zoni naturali, aktar se jonqos l-ammont ta' ilma tax-xita li se jipperkola mill-blat u jinħażen bħala ilma tal-pjan.

Punt ieħor li jħassibna huwa l-imblukkar tad-dawl tax-xemx permezz tal-bini għoli. Mid-diversi studji li saru ħareġ li n-nuqqas ta' dawl mix-xemx jaffettwa lin-nies mentalment b'mod negattiv. Apparti minn hekk, l-imblukkar tad-dawl tax-xemx jaffettwa wkoll lil min ikollu il-pannelli solari.

Xi soluzzjonijiet li aħna ħriġna bihom huma dawn:

- It-tħawwil ta' iktar siġar madwar il-gżejjer Maltin
- Ir-rinnovazzjonijiet ta' binjiet antiki biex jintużaw għal skopijiet utli waqt li jżommu l-karatteristiċi Maltin
- Li jsir aktar kontroll fuq il-bini, ngħidu aħna restrizzjoni fil-għoli tal-binja

- Jiżdiedu postijiet ta' rikreazzjoni, bħal ġonna u żoni naturali, f'żoni urbani
- Aktar żoni pedonali fejn ma jistgħux jgħaddu karozzi, biex iħeġġu lin-nies jagħmlu użu mir-roti jew jimxu.

Għalkemm aħna gżira żgħira, xorta waħda qed inkomplu nżidu mat-tibdil fil-klima. Għalhekk, importanti ħafna li kulħadd jagħti l-kontribut żgħir tiegħu biex anke l-ġenerazzjonijiet ta' warajna jkollhom ix-xorti li jgawdu s-sbuħija u s-serħan li kapaċi toffri l-gżira ċkejkna tagħna. Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ ta' Għawdex, Skola Primarja, San Lawrenz dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Kulħadd għandu dritt għal saqaf fuq rasu imma l-mod ta' kif qed ikun iddisinjat dan is-saqaf qed ibegħedna wisq min-natura u l-kampanja li aħna nagħmlu parti minnha f'din id-dinja hekk sabiħa. Mhux lakemm tfiehem in-nies dwar din ir-realtà għax mitt bniedem mitt fehma, u mitt ħmar mitt kappestru!

Li timla kull rokna possibbli f'din in-naqra ta' gżira b'binjiet ta' kull għamla u għoli immaġinabbli f'isem il-progress ma jkun qed isir ġid lil ħadd. Il-bini u l-iddisinjar tad-djar tal-lum jeħtieġ li jerġa' jibda jsir fi sħab man-natura bħalma kien isir dari. Pereżempju, id-dar tan-nanna tiegħi għandha bitħa fin-nofs, loġoġ kbar li jagħtu għan-Nofsinhar u twieqi żgħar jagħtu għat-Tramuntana. In-nanna m'għandhiex bżonn ta' aircondition!

U jekk ġejna f'dan, l-iffullar ta' ħafna nies ikkonċentrati f'belt waħda jagħti lok għal temperaturi għoljin. Dan stajna narawh minn osservazzjoni li għamilna fl-iskola tagħna, ta' San Lawrenz, il-Friendly School, permezz tal-programm GLOBE. Ħadna t-temperatura fost l-oħrajn ta' wiċċ il-ħamrija, tat-tarmak, taħt is-siġar u fid-dell. Sibna li l-ogħla temperaturi kienu rreġistrati fuq it-tarmak u fuq il-ground sintetiku. L-aktar temperaturi komdi u stabbli kienu dawk meħuda f'ambjent ta' siġar u ħamrija. B'hekk rajna li s-siġar u l-ħamrija mhumiex l-għedewwa tagħna, imma ħbieb kbar li lesti jgħinuna jekk aħna nagħtuhom iċ-ċans.

Fl-iskola tagħna ma nistgħux ingergru għax għandna ġnien imdaqqas b'ħafna siġar u nqattgħu xi ħin insaqqu u nitgħallmu nużaw għodod differenti tal-għalqa u napprezzaw l-importanza tal-ġwiebi għall-ħażna tal-ilma tax-xita. Nitgħallmu kif niżbru u nikkuraw is-siġar, immissu l-ħamrija b'idejna, nisimgħu t-tpespis tal-għasafar, inxommu r-riħa taż-żahar, nitpaxxew bil-fjuri tar-rummiena u nħossu s-sirda ta' filgħodu xħin inkunu ġejjin għal breakfast club. Jekk naraw xi gremxula jew insett ieħor ma nibżgħux minnu għax tgħallimna li dawk ukoll għandhom post important f'ħajjitna u mhux nikkundannawhom għall-mewt għax sempliċiment iltqajna magħhom. L-iskola tagħna nbniet sebgħa u ħamsin sena ilu. Tgħid l-iskejjel moderni tal-lum qed jagħtu din l-opportunità lill-istudenti tagħhom? Tgħid il-konkos u l-madum ħa post il-ħamrija u l-ħaxix biex jevitaw li jkollhom kurituri bit-trab? Jekk dan hu minnu, naħseb li morna lura u mhux 'il quddiem. It-tagħlim fuq in-natura minn fuq il-kompjuter, għalkemm importanti, ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak reali. Għalhekk, inħajrukom sabiex inkomplu ninvestu fi green walls jew vertical gardens fejn m'hemmx fejn isir ġnien. Il-ħbieb insetti tagħna żgur li jiġu jittawlulkom u jżewqulkom il-ġurnata tagħkom!

Inħossu li hemm rabta bejn l-ibliet u l-baħar li, għalkemm huma 'l bogħod minn xulxin, huma magħquda ma' xulxin. L-ispralli tat-toroq li jirċievu l-ilma tax-xita, jirċievu wkoll il-filters tas-sigaretti, plastik u ħmieġ ieħor. Dan l-iskart jinġabar fil-widien u jibqa' għaddej għal ġol-baħar.

Nissuġġerixxu li dawn l-ispralli jinżebgħu bi tpinġijiet bħal baħar u ħut biex in-nies jiftakru fir-rabta li hemm bejn it-toroq tagħhom u l-baħar. Aħna kburin bil-bajja tad-Dwejra li hi tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-iskola tagħna u nafu xi jfisser meta jkollok ambjent nadif, trankwill, sabiħ u fi sħab man-natura. Il-ġenna tħossha u tgħixha kuljum!

Aħna tal-Friendly School, ma nħallux lis-siġar waħedhom inaddfu l-arja li nieħdu imma nagħtu lin-natura daqqa t'id fejn nistgħu. Diversi ġenituri u studenti jiġu l-iskola bil-mixi jew bir-rota waqt li oħrajn jużaw il-car pooling. Xorta għad fadal lok għal aktar titjib. Nissuġġerixxu lill-Onorevoli Membri Parlamentari biex jiftehmu bejniethom biex anke huma jadottaw il-car pooling meta jattendu l-parlament. U ma jkun ġara xejn jekk immorru pass 'il quddiem u deputati ta' partiti differenti jagħmlu car pooling bejniethom meta jkunu ġejjin il-parlament. Nissuġġerixxu lil Mr Speaker li jinnota dawn it-talin u jippremjahom billi jagħtihom minuti żejda waqt l-interventi tagħhom.

Ejjew nagħmlu kuraġġ u nħarsu 'l quddiem b'tama għall-ġejjieni sabiħ. Ejjew nistinkaw biex inkomplu naħdmu għal ambjent aktar san. Dan hu s-sinjal ta' progress veru. Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ Santa Klara, Skola Primarja, San Ġwann dwar in-Newtralità u s-Sekwestrazzjoni tal-Karbonju.

Onorevoli Membri Parlamentari,

It-tniġġis tal-arja minn dejjem kien problema kbira għal gżira żgħira bħal tagħna minħabba l-użu żejjed ta' karozzi privati u mezzi oħra ta' trasport. Għalkemm dan l-aħħar il-Gvern beda jaħdem fuq din il-problema, is-sitwazzjoni f'Malta għadha 'l bogħod mill-ideal. Fil-fatt, skont il-Malta Association of Public Health Medicine, it-tniġġis tal-arja qed tiswa l-ħajja ta' aktar minn persuna kuljum f'Malta. Għaldaqstant hemm bżonn li nibdew nieħdu aktar bis-serjetà miżuri biex intejbu l-kwalità tal-arja lokali.

Skont ir-Rapport Dinji tal-Kwalità tal-Arja li sar fl-2020, it-tniġġis tal-arja hu wieħed mill-ikbar perikli għas-saħħa tal-bniedem f'kull pajjiż u qed iwassal għall-mewt ta' madwar 7 miljun persuna, bi 3 miljuni u nofs minnhom huma tfal. Malta kienet id-dsatax-il waħda f'lista ta' 40 pajjiż. Skont l-istatistiċi tal-2017 imxejna 'l quddiem f'dan l-aspett imma għad fadal x'naħdmu.

Bla dubju l-ikbar sors ta' tniġġis tal-arja f'Malta hu d-duħħan tal-karozzi u vetturi oħra. Iżda ħafna nies għadhom jippreferu jużaw il-karozza privata tagħhom biex jivvjaġġaw minn post għall-ieħor milli jużaw mezzi ta' trasport aktar tajbin għas-saħħa u għall-ambjent, bħal mixi, rota jew it-trasport pubbliku. Survey li għamilna fl-iskola wera li ħafna familji, anki dawk li joqogħdu fit-tarf tar-raħal stess, jiġu l-iskola bil-karozza tagħhom minflok bil-mixi u ma jwasslux lil xulxin sempliċiment għax hu aktar faċli u komdu. Din qed toħloq problema kbira ta' konġestjoni tat-traffiku speċjalment fil-qalba ta' ħafna rħula fil-ħinijiet fejn jibdew u jispiċċaw l-iskejjel. Anki l-fatt li ż-żgħażagħ malli jagħlqu t-tmintax-il sena jixtru karozza ġdida ma tantx qed tgħin biex tnaqqas in-numru eċċessiv ta' karozzi li nsibu fit-toroq Maltin.

Is-sitwazzjoni waqt il-pandemija tal-COVID-19

Kif jgħid il-proverbju Malti, 'Kull deni ħudu b'ġid', u waqt is-sitwazzjoni kerha li ġabet magħha l-pandemija, il-ġid li ħareġ minnha hu li kien hawn kwalità tal-arja aħjar. Il-fatt li kien hawn inqas nies li jridu jivvjaġġaw bil-karozzi tagħhom, ġab tnaqqis kbir fit-tniġġis tal-arja, mhux f'Malta biss imma madwar id-dinja kollha.

Dan ġab ukoll tnaqqis f'attakki tal-ażżma, mard u mwiet relatati ma' problemi respiratorji. Dan juri biċ-ċar kemm qed ikun hawn użu eċċessiv ta' karozzi u vetturi oħra u x'effett ħażin qed ikollu fuq l-arja.

X'jista' jsir?

Filwaqt li l-Gvern diġà qed jaħdem biex inaqqas din il-problema, hemm aktar affarijiet li jistgħu jsiru. Fosthom:

- Jista' joffri inċentivi aħjar biex jintużaw mezzi ta' enerġija alternattiva u mezzi ta' trasport aktar nodfa.
- Jista' jipprovdi strutturi aħjar u aktar siguri għal min irid jimxi jew jivvjaġġa bir-rota. Ħafna drabi min isuq ir-rota jispiċċa jsuq viċin wisq tal-karozzi bil-biża' li jista' jintlaqat minn karozza. Jien nixtieq inkun nista' mmur l-iskola bir-rota imma nibża' minħabba li rrid ngħaddi minn main road qalb il-karozzi. Forsi kieku l-Ministri u l-Membri l-oħra tal-Parlament jibdew jagħtu l-eżempju u jużaw mezzi ta' trasport aktar sostenibbli, forsi anki jmorru bir-rota huma stess, kieku żgur li l-kundizzjonijiet għall-użu tar-roti fit-toroq isiru aħjar.
- Jista' jikkunsidra li ssir żona pedonali fil-qalba tal-irħula u l-ibliet Maltin ħalli tonqos il-konġestjoni tat-traffiku u l-qalba tar-raħal tibda tieħu aktar nifs nadif.
- Jista' joħloq żoni fejn jistgħu jinżergħu xi fjuri, pjanti jew ħaxix li jieħdu ħsiebhom il-pubbliku. Dawn jistgħu jkunu rqajja' ta' ħamrija f'xi ġnien pubbliku jew fl-iskola stess jew f'xi roundabout. B'hekk iċ-ċittadini jħossu aktar li huma parti mir-raħal u l-affarijiet ta' ġo fih għax ikunu taw sehemhom huma stess biex jieħdu ħsiebu.
- Jista' jagħmel pieni u multi aktar ħorox lil dawk il-fabbriki jew mezzi ta' trasport li jħammġu l-arja.

Xi ħaġa li laqtitna ħafna waqt li konna qed nagħmlu r-riċerka dwar it-tniġġis tal-arja kienet il-foresta vertikali li għamlu f'Milan. Din saret minn żewġ binjiet kbar ġol-qalba ta' Milan għoljin 111-il metru u 76 metru u fihom aktar minn 900 siġra. Minħabba li s-siġar u l-pjanti jieħdu l-carbon dioxide mill-arja jnaqqsu t-tniġġis. Dawn is-siġar fuq dawn il-binjiet jistgħu jixorbu madwar 20 elf kilogramma ta' karbonju fis-sena. Minbarra dan, jattiraw l-insetti u l-għasafar u jnaqqsu t-temperaturi tal-binja fis-sajf. Kieku f'dan il-bini kbir li qed jinbena u jkerrah lil Malta, isir bħalma sar f'Milan, kieku tal-inqas ma jkunux daqshekk koroh.

Aħna nittamaw li dan il-kliem ma jaqax fuq widnejn torox. Kull sena tisimgħu l-opinjoni tagħna u tgħidulna proset. Issa wasal iż-żmien li vera tagħtu kasna għax aħna rridu ngawdu dan il-pajjiż kif gawdejtuh intom meta kontu żgħar. Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ San Tumas More, Skola Medja, Ħal Tarxien dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Jien jisimni Shannielee u nattendi l-iskola medja ta' Ħal Tarxien. F'ħafna mill-ibliet f'Malta qed nara ammont kbir ta' bini u kif ukoll bini għoli li qed jiżdied b'rata mgħaġġla. Dan qed iħalli impatt negattiv fuq l-ambjent kif ukoll qed jaffettwa lili u lil studenti bħali, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Minħabba ż-żieda tal-bini, ħafna mill-ispazji naturali u miftuħa qed jinqerdu u din il-problema qed narawha ma' Malta kollha. Jiena, bħala tifla, nixtieq li jkun hawn aktar postijiet fil-

kampanja fejn inkun nista' nqatta' ftit ħin ma' sħabi u mal-familja. Hemm bżonn li ma jingħatawx permessi biex jinbena bini biss, iżda l-Awtoritajiet għandhom jipproteġu spazji naturali u jiżviluppaw spazji f'kull raħal imdawrin bis-siġar bħal ġonna li jkunu miftuħin għall-pubbliku.

Barra minn hekk, minħabba dan il-bini għoli qegħdin nitilfu s-sbuħija u l-wirt storiku tal-irħula tagħna li tant għandna għal qalbna. Jiena noqgħod Marsaxlokk u waħda mill-problemi li qed tinkwetani hija li fil-futur ix-xatt tal-baħar ser jibqa' jiġi żviluppat u għalhekk ikun hemm partijiet minnu li mhux se jkollna aċċess għalih. B'hekk inkunu qed nitilfu d-dritt tagħna li ngawduh.

Dritt ieħor tagħna huwa li jkollna arja nadifa. L-iskola fejn immur jiena, ġo Ħal Tarxien, tmiss ma' triq prinċipali u traffikuża ħafna. Infatti wara li saret riċerka nstabet li fiż-żona hemm livelli għoljin ta' dħaħen fl-arja li huma perikolużi għas-saħħa tagħna, speċjalment fil-bitħa ta' barra tal-iskola. Għalhekk nappella li jinbena xi ħajt għoli u jitħawlu siġar għoljin, kif ukoll jista' jsir green wall. Dan huwa struttura vertikali mgħottija bil-veġetazzjoni bħalma rajt f'xi toroq li saru reċentement. Dawn huma ftit soluzzjonijiet li jistgħu jsiru għall-ġid tagħna biex inħarsu saħħitna.

L-edukazzjoni għallmitna l-importanza tal-ambjent naturali u l-impatt pożittiv li jħalli fuqna. Meta nieħdu ħsiebu jonqos il-mard speċjalment dak respiratorju bħall-ażżma u jonqos ukoll il-livell tal-istress billi aħna t-tfal ikollna postijiet fejn nilagħbu. Dan il-logħob huwa aspett importanti tat-tfulija tagħna li jgħinna niżviluppaw l-abbiltajiet soċjali tagħna. Barra minn hekk, l-adulti jkollhom spazji għar-rikreazzjoni, fejn jagħmlu eżerċizzju fiżiku għall-kwiet, 'il bogħod mill-istorbju tal-karozzi u d-dħaħen. Għalkemm naf li l-iżvilupp huwa inevitabbli, importanti li jsir aktar b'mod sostenibbli u ma tibqax issir aktar ħsara lill-ambjent naturali. Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Iskola Our Lady Immaculate, il-Ħamrun dwar il-Ħajja fl-Ambjent Mibni.

Onorevoli Membri Parlamentari,

L-għodwa t-tajba. Aħna studenti mill-iskola Our Lady Immaculate tar-raba' sena sekondarja. Nixtiequ nibdew billi nirringrazzjawkom ta' din l-opportunità u talli ddeċidejtu li tisimgħu l-vuċi kif ukoll l-opinjonijiet tagħna. Aħna ż-żgħażagħ ninsabu ferm inkwetati peress li f'Malta l-problema tal-urbaniżmu qiegħda tiżdied bis-sekondi.

Kuljum nisimgħu b'xi pompa tal-petrol, triq, blokka flets, jew xi lukanda ġdida li qed tinbena. Mhux biss imma qed intellgħu l-modern u neqirdu l-karattru tad-djar tradizzjonali Maltin. Il-bini modern u l-bini għoli qed iġibu magħhom ħafna kruha, speċjalment meta l-istil modern ma jkunx jaqbel mal-ambjent tal-madwar. Permezz tal-bini eċċessiv il-bniedem qed jispiċċa jħossu restritt u fgat. Għaldaqstant inħossu li għandu jkun hemm bilanċ u mhux ikun hemm esaġerazzjoni ta' bini u kostruzzjoni. Punt ieħor li nixtiequ nqajmu hu li l-bini għoli qed inaqqas mid-dritt għad-dawl naturali tax-xemx. Il-Gvern qed joħroġ b'inizjattivi tajbin favur l-użu ta' enerġija alternattiva bħalma huma l-pannelli tax-xemx, iżda mbagħad m'hemmx regolamenti fuq il-bini għoli li qed jitfa' d-dell fuq l-istess pannelli. Inħossu li dan hu ftit kontradittorju għax il-Gvern mhux qed jgħin l-inizjattivi ambjentali tiegħu stess.

Qed nibnu u nużaw artijiet ODZ u qed neqirdu l-ftit kampanja li fadlilna. Mil-lum irridu nwaqqfu dan l-attakk fuq l-art agrikola, il-kampanja u ftit spazji miftuħa li fadlilna. Spiss

nisimgħukom tgħidu li għandkom idejkom marbutin fejn jidħlu żoni li jistgħu jiġu żviluppati u xi liġijiet li ilhom fis-seħħ. Iżda aħna nixtieq**u** nistaqsukom: jekk verament temmnu li dan it-tip ta' żvilupp qed ikollu impatt negattiv fuq pajjiżna, bħala membri parlamentari m'għandkomx is-setgħa li b'mod demokratiku terġgħu tiddiskutu mill-aktar fis possibbli dan is-suġġett fil-parlament, sabiex jiġu emendati l-liġijiet ħalli nħarsu l-ambjent storiku u naturali Malti? Aħna nemmnu li hemm bżonn li l-liġijiet ikunu iżjed stretti fuq applikazzjonijiet għal bini fuq art ODZ biex inkunu nistgħu nipproteġu l-art agrikola u l-ambjent naturali tagħna. Għaldaqstant m'għandniex nittolleraw li min għandu l-flus jingħata preferenza u jġib permessi ta' bini fejn mhux suppost.

Iżjed ma naqtgħu siġar u neqirdu spazji naturali iżjed ħa jkun hemm effetti negattivi fuq il-bniedem. L-esaġerazzjoni tal-kostruzzjoni tal-bini twassal għal ħafna problemi serji bħal: żieda fl-ammont tat-tniġġis tal-arja, li jwassal għall-mard respiratorju u problemi tal-qalb. Ġie ppruvat li nies li jgħixu f'żoni fejn hemm ġonna u spazji miftuħa jkollhom inqas problemi ta' saħħa fiżika u jbatu inqas minn problemi mentali. Dawn jiġu kkawżati wkoll minħabba d-dħaħen tal-karozzi li, filwaqt li jħallu effett ferm negattiv fuq il-bniedem, ikomplu jkabbru l-problema tat-tibdil fil-klima.

B'sodisfazzjon ninnutaw li f'ħafna mit-toroq ġodda, tħawlu aktar siġar. Minbarra li dawn is-siġar qegħdin ipattu għal dawk li nqalgħu, l-ambjent ikun isbaħ u l-arja tindaf b'mod naturali. Għandu jitkompla l-investiment fit-trasport pubbliku u jiżdiedu mezzi oħra ta' trasport biex innaqqsu l-ammont ta' vetturi fit-toroq. Aħna nemmnu li, għalkemm toroq ġodda huma ta' bżonn f'ċertu postijiet, din mhux dejjem ser tkun is-soluzzjoni għall-futur b'inqas tniġġis. Nixtiequ li Malta tkun iktar addattata għall-użu ta' trasport sostenibbli, bħal roti u mixi. Idea tajba hi li f'diversi bliet u rħula qed isir studju sabiex ċerti żoni jsiru pedonali. Dawn huma azzjonijiet pożittivi għax fuq kollox il-ħdura fl-ambjent urban trawwem ir-rabta tal-bniedem man-natura. Dan jista' jwassal għall-benesseri mentali kif ukoll fiżiku ta' kull individwu.

Nemmnu li hu meħtieġ iktar għarfien biex insolvu dawn il-problemi. Fil-fatt naraw ħafna proġetti fil-qasam edukattiv fejn l-istudenti u ż-żgħażagħ jitgħallmu l-importanza u l-benefiċċji li joffri l-ambjent naturali. Aħna nemmnu li t-tfal u ż-żgħażagħ huma parti kbira mill-preżent u l-futur ta' Malta u tad-dinja. Biss il-pajjiż huwa mmexxi mill-adulti u ninsabu inkwetati li l-adulti aktar qed jagħtu kas tal-flus milli l-benesseru ħolistiku tal-bniedem. Nikkonkludu billi minn qalbna nirringrazzjawkom ta' din l-opportunità u li nawguraw li ma ndumux ma ngħaddu mill-kliem għall-fatti. Nittamaw li tisimgħu l-karba tagħna biex Malta tagħna tibqa' sabiħa u ngawduha issa u fil-futur. Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ San De La Salle, Junior School dwar il-Konsum Sostenibbli tal-Ikel.

Għeżież Membri Parlamentari,

Aħna, il-kumitat tal-EkoSkola tal-Kulleġġ ta' De La Salle, f'isem l-istudenti kollha, l-għalliema u l-amministrazzjoni tal-iskola primarja nixtiequ nesprimu l-opinjoni tagħna dwar il-konsum sostenibbli tal-ikel.

Permezz tal-Litterless Campaign, l-istudenti ħadmu matul din is-sena biex jippromwovu l-użu tal-beeswax wraps sabiex innaqqsu l-użu tal-plastik kemm fl-iskola kif ukoll fid-djar. Dan il-prodott għandu l-vantaġġ li jżomm il-kontenut tal-ikel frisk u bnin għal tul ta' ħin. Permezz tal-beeswax wraps il-ġenituri jistgħu wkoll iżommu taħt kontroll il-porzjonijiet tal-ikel sabiex nindirrizzaw il-problema tal-ħela ta' ikel u anke tal-obeżità. Aħna nixtiequ li dawn il-prodotti

jkunu ssussidjati fuq bażi nazzjonali. Dan ikun inċentiv tajjeb sabiex il-poplu Malti jkun jista' jixtri dan il-prodott u jevita l-użu ta' ħafna boroż tal-plastik.

Bħala skola qegħdin nippjanaw biex matul is-sena skolastika li jmiss inkabbru l-ħxejjex u l-frott b'mod sostenibbli u organiku ġewwa l-iskola. Dawn il-prodotti, imbagħad, jinbiegħu fil-komunità tagħna sabiex inkunu nistgħu nkomplu nkabbru iktar dan il-proġett. Biex proġetti bħal dan jilħqu livell nazzjonali hemm bżonn iktar għajnuna ta' diversi entitajiet governattivi bħall-Ministeru għall-Agrikoltura, il-Ministeru għall-Finanzi, il-Ministeru għall-Ambjent u anke dak għall-edukazzjoni.

Fuq bażi nazzjonali nissuġġerixxu wkoll li jkun hemm inċentivi mas-sidien tal-lukandi, tar-restoranti u tal-kjosks sabiex jintroduċu l-għażla biex il-klijent iħallas skont qisien differenti tal-porzjon ta' kull platt li jordna. Nissuġġerixxu wkoll li tiġi introdotta miżura fejn il-klijenti li jagħmlu użu minn servizz ta' buffet, iħallsu għall-ikel żejjed li jifdal fil-platt. Permezz ta' dan inkomplu nnaqqsu l-ħela żejda tal-ikel fir-restoranti u l-lukandi u dan jgħin ukoll biex nieħdu ħsieb il-problema tal-obeżità.

Nemmnu li biex jiġu introdotti dawn il-miżuri ġodda, il-pubbliku jrid jiġi infurmat. Bosta drabi f'pajjiżna dan isir permezz tal-karta stampata. Jekk nistgħu neliminaw dan il-metodu kompletament u minflok nużaw mezzi tax-xandir, tar-radju u mezzi oħra, inkunu qed nilħqu l-għan tagħna b'mod verament sostenibbli li se jressaqna iktar viċin biex inkomplu nieħdu ħsieb l-ambjent.

Il-ħidma tagħna favur l-ikel sostenibbli ma tiqafx fuq dawn il-miżuri biss. Aħna nixtiequ li nkomplu nżidu l-għarfien dwar dan is-suġġett, kemm ġewwa l-iskola tagħna u anke mal-komunità. B'hekk inkunu qed nagħmlu l-parti tagħna bħala studenti tal-EkoSkola. Grazzi

---

## Intervent mill-istudenti tal-Junior School ta' Santa Dorothea, tas-Sliema dwar il-Konsum Sostenibbli tal-Ikel.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Aħna l-istudenti tal-iskola ta' Santa Dorothea ġewwa tas-Sliema nixtiequ nitkellmu dwar il-konsum sostenibbli tal-ikel. Kif tafu, il-mod kif nieklu għandu impatt kbir fuq l-ambjent, għaliex it-tkabbir u l-produzzjoni ta' ċerti prodotti tal-ikel u t-trasport tagħhom jikkawżaw ammonti kbar ta' gassijiet serra.

Nixtiequ l-koperazzjoni tal-membri parlamentari hawn preżenti sabiex jitnedew kampanji ta' tagħrif u edukazzjoni dwar il-konsum eċċessiv tal-laħam u d-daqs tal-porzjonijiet, sabiex il-poplu tagħna jitgħallem jiekol bil-qies. Naturalment, dan ikollu effett tajjeb fuq is-saħħa tal-bniedem u kif ukoll inaqqas l-obeżità.

M'għandniex xi ngħidu, importanti li nħeġġu wkoll il-konsum tal-ikel lokali - dan sabiex jitnaqqas l-ippakkeġġjar, u l-carbon footprint li tinħoloq sabiex prodotti tal-ikel jaslu Malta. Il-konsum ta' ikel lokali jħalli effett tajjeb fuq l-ekonomija tal-pajjiż u kif ukoll jgħin lill-bdiewa Maltin. Apparti minn hekk, il-prodott frisk dejjem itjeb, għaliex ikollu inqas preservattivi u b'hekk ikun aħjar għas-saħħa.

Għalhekk importanti li l-awtoritajiet jinsistu li fuq it-tiketta tal-ikel li mhux lokali, għandu jissemma l-pajjiż minn fejn ġej il-prodott u kemm għandu food miles.

Skemi oħra biex iħeġġu l-prodott lokali jistgħu jkunu dawk li jħajru lin-nies sabiex jiżirgħu u jkabbru ħwawar, ħxejjex u frott. Irridu nrawmu l-mentalità li dan jista' jsir ukoll fil-qsari, mhux

biss fil-ġonna tagħna. Ejja nitgħallmu minn dawk il-pajjiżi fejn f'kull lokalità jkun hemm spazji ta' ħamrija li fiha r-residenti jkunu jistgħu jħawlu u jkabbru l-prodotti agrikoli.

Punt ieħor importanti huwa li l-ħela tal-ikel m'għandniex x'nambuha. Naraw ħafna ħela madwarna. Irridu nħeġġu l-poplu tagħna biex jippjana l-ikliet tiegħu, b'hekk ix-xiri ma jsirx bl-addoċċ u l-ikel u l-flus ma jinħlewx. Barra minn hekk, nixtiequ li jsiru skemi sabiex iħeġġu lukandi, ristoranti u caterers biex iwasslu l-ikel żejjed lill-persuni fil-bżonn jew food banks. Nafu kemm kien hawn tbatija minħabba l-pandemija, u kemm kien hemm stabbilimenti li għenu lil nies fil-bżonn.

Onorevoli, dawn huma biss ftit punti li aħna, il-kumitat tal-EkoSkola tal-iskola tagħna, flimkien ma' sħabna fil-komunitajiet ta' skejjel oħra ħsibna fihom. Nisperaw li nkunu nistgħu nkunu ta' ispirazzjoni lilkom l-awtorijiet li għandkom is-saħħa twettquhom. Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ Santu Wistin, tal-Pieta dwar it-Tniġġis tal-Baħar u t-Telf tal-Bijodiversità.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Jien Yevgeny Spiteri u sieħbi Gabriel Pullicino mill-Kulleġġ Santu Wistin. Xtaqna nitkellmu magħkom dwar it-tniġġis tal-baħar u t-telf ta' bijodiversità li qed iġib miegħu.

Il-Mediterran huwa baħar li fih ħafna speċi ta' ħut differenti imma sfortunatament huwa wieħed mill-iktar ibħra mniġġsa fid-dinja u dan x'aktarx minħabba li huwa ffrekwentat mit-turisti u hemm popolazzjoni kbira mal-kosta tiegħu. Għalhekk jintrema fih ammont kbir ta' plastik.

Biex il-plastik jonqos, irridu li l-ewwel nett ikun hemm iktar għarfien u edukazzjoni fuq l-effett li jħalli meta jkun ġol-baħar u kemm hu importanti l-baħar għal Malta. Bħala ċittadini nistgħu nagħmlu l-parti tagħna billi ma nużawx single-use plastics, nerġgħu nużaw fliexken tal-plastik u affarijiet tal-plastik għal iktar minn darba u, meta ma nkunux nistgħu, nirriċiklawhom. Biex inqajmu iktar għarfien fuq dan kollu aħna nxerrdu l-kelma u nagħtu pariri lil nies oħra biex jagħmlu dak li hu tajjeb għall-ambjent u għall-baħar u nħajru skejjel differenti jagħmlu l-istess.

Bħala komunità, tajjeb ukoll li nipparteċipaw jew saħansitra norganizzaw *clean-ups* tal-bajjiet Maltin biex b'hekk jinġabar plastik u skart ieħor li jħallu warajhom nies irresponsabbli. Minħabba li ħafna mill-materjal tal-plastik li jintrema ġol-baħar huwa magħmul minn single plastic polymere, bħalma huma fliexken tax-xorb, pożati u tubs tal-yoghurt, dawn il-prodotti jistgħu jitnaqqsu drastikament jekk jintuża l-materjal tal-karta.

Prodotti oħra tal-plastik bħalma huma basktijiet u boroż li wieħed juża biex igeżwer l-ikel huma iktar diffiċli biex jiġu rriċiklati u għalhekk jikkawżaw iktar dannu għall-baħar. Għaldaqstant tajjeb li nipprojbixxu bis-serjetà l-użu ta' dan it-tip ta' plastik u mil-lat ta' policy, ikun hemm inċentivi biex jintużaw materjali oħra.

Mela flimkien tajjeb li nkunu parti mis-soluzzjoni u mhux inkunu aħna stess parti mit-tniġġis. Aħna ma rridux nistennew lil ħaddieħor biex jagħmel l-ewwel pass imma rridu nkunu aħna li nibde u nservu ta' eżempju. U dan jgħodd għalikom ukoll, Onorevoli, fid-djar tagħkom.

Min-naħa tiegħi xtaqt nitkellem fuq il-ghost fishing.

L-iskop tat-tagħmir tas-sajd hu li jaqbad il-ħlejjaq tal-baħar. Anke jekk jintilef, it-tagħmir xorta jibqa' jaqbad il-ħlejjaq tal-baħar u dan jissejjaħ 'ghost fishing'. Illum il-ġurnata t-tagħmir tas-sajd huwa magħmul biex ikun reżistenti fil-baħar u ma jinqeridx malajr. Il-plastik ikun ta'

kwalità superjuri, u jieħu ħafna żmien biex jiddikomponi. Fil-fatt 1.5% biss jiġi riċiklat kif suppost.

It-tagħmir tas-sajd li jitħalla f'qiegħ-il baħar jikkaġuna ħsara fuq il-ħlejjaq u l-ekosistema marittima. Għandu wkoll impatt negattiv fuq l-industrija marittima, in-navigazzjoni, il-kwalità tal-bajjiet, il-komunitajiet lokali u s-sajjieda. Għalkemm ma jkunx hemm l-involviment uman, it-tagħmir li jitħalla fil-baħar ikompli jagħmel ħafna ħsara lill-ħut u anke joqtol ħafna kreaturi marittimi. Miljuni ta' annimali marittimi, fosthom klieb-il baħar, dniefel, foki u fkieren jitħabblu f'dawn ix-xbieki u ma jkunux jistgħu jinħelsu, bil-konsegwenza li jispiċċaw imutu. Kull sena tmien miljun tunnellata ta' plastik qed jispiċċa fil-baħar, li l-parti l-kbira minnu ġej mit-tagħmir tas-sajd. Fil-fatt it-tagħmir tas-sajd huwa l-iktar debris marittimu li jhedded lill-ħajja marittima. Mhux inqas minn 640,000 tunnellata ta' tagħmir jitħalla f'qiegħ il-baħar kull sena – li jfisser iktar minn tunnellata kull minuta.

Rakkomandazzjonijiet sabiex jonqos il-'ghost fishing':

- li x-xbieki tas-sajd ikunu rreġistrati u mmarkati b'tagħmir ta' rintraċċar, ħalli jkun iktar faċli li jiġu rkuprati jekk jintilfu fuq il-baħar. Ħsarat, telf u rimi ta' xbieki tas-sajd għandhom jiġu rreġistrati wkoll;
- inċentivi lis-sajjieda biex itellgħu kemm jistgħu tagħmir tas-sajd li jkun tħalla fil-baħar, kif ukoll skart ieħor;
- it-tagħmir tas-sajd għandu jkun irriċiklat;
- il-produtturi li jipproduċu tagħmir tas-sajd li fih il-plastik għandhom iħallsu għall-ispejjeż biex jitnaddfu l-portijiet;
- Il-produtturi jiġu mħeġġa jużaw materjal sostenibbli fil-produzzjoni tat-tagħmir tas-sajd;
- għajnuna finanzjarja lis-sajjieda biex jużaw metodi tas-sajd iktar sostenibbli;
- Kampanja biex il-poplu japprezza aktar il-baħar u l-benefiċċji li jagħtina.

Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja, tal-Isla dwar it-Tniġġis tal-Baħar u t-Telf tal-Bijodiversità.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Aħna Denilson Borg u Thais Cassar u qed nirrappreżentaw lill-iskola Primarja tal-Isla. Grazzi talli lqajtuna u ser tisimgħu dak li nixtiequ ngħidulkom dwar it-tniġġis tal-baħar u t-telf tal-bijodiversità. Biex ħejjejna dan li qed naqraw, il-kumitat tal-EkoSkola tal-Isla ltaqa' onlajn u kulħadd wera l-weġgħat tiegħu u dak li jista' jsir. Nirringrazzjaw lill-membri kollha tal-kumitat.

Nibdew billi ngħidu li llum inħossuna mdejqin u rrabjati. Il-fekruna Maggie, il-fekruna li aħna addottajna, mietet! Forsi tgħidulna, imutu tant nies għax mietet fekruna tal-baħar qed tistagħġbu tant li qed issemmuha fil-Parlament! Imma għaliex le?! Xi tfisser din il-mewt għalina? Tfisser iktar telf ta' bijodiversità.

Il-fkieren tal-baħar jieklu l-ħaxix tal-baħar li fih ibejtu u jgħixu ħafna ħlejjaq fosthom iż-żiemel tal-baħar. Imma dan irid jinżamm baxx biex dawn il-ħlejjaq ikollhom il-post fejn jgħixu. Jekk ma jkollniex fkieren dan ma jistax isir. Il-fkieren ibidu fuq il-bajjiet. Bħalma nafu mhux il-bajd kollu jfaqqas. Dak li ma jfaqqasx iservi ta' nutrijenti għall-bajjiet. It-tnaqqis tal-fkieren qed iwassal f'żieda fil-bram.

Aħna noqogħdu l-Isla u kburin. Għandna ħafna għal qalbna l-baħar għax iffortunati li aħna peninsula apparti li ħafna minnha jieħdu sehem fir-regatta. Għamilna *Clean Ups* madwar diversi lokalitajiet u fil-bajjiet flimkien mal-familjari tagħna. F'waħda mill-*Clean Ups* kellna magħna l-bugħaddasa mid-DiveWise. Hawnhekk ġejna wiċċ imb wiċċ mal-problema tal-iskart u xxukkjajna ruħna. Iddiżgustajna ruħna bl-ammont ta' sigaretti li sibna, microplastics, plastik, ħġieġ u ħadid. Imbagħad kien hemm dak li tellgħu l-bugħaddasa: tyres, injam, biċċiet tal-kompjuters, ħġieġ. Possibbli hawn min ma jafx li din l-imġiba qed teqred l-abitat tal-ħlejjaq tal-baħar? Biex ngħarrfu iktar lin-nies bil-problema, għamilna inkwatru bil-loqom tas-sigaretti li twaħħal fil-bajja.

Qed ninkwetaw li l-miżbliet fl-ibħra ser jikbru għax qed nipproduċu ħafna iktar skart milli tiflaħ id-dinja. Min jaf kemm qed imutu speċi ta' taħt il-baħar minħabba f'hekk! Biex tgħaxxaqha fil-Baħar Mediterran qed jitfaċċaw speċi aljeni li qed ikomplu joħolqu l-problemi għall-bijodiversità tiegħu. Anqas x'nieklu mhu ser jifdal! Qed nibżgħu li ser nispiċċaw ngħumu f'miżbla għax skont dokumentarju li rajna, sal-2050, ser ikun hawn iktar plastik milli ħut. Il-ħlejjaq tal-baħar qed jiltaqgħu ma' ħafna plastik tant li qed jikluh u qed imutu għax il-plastik ma jiġix diġerit, apparti li jinqabdu fih. Aħna nemmnu li f'Malta għandna nibdew sistema fejn nagħmlu l-bajjiet ħielsa mill-plastik.

Il-ħajja fil-baħar qed tkun mhedda minħabba ħafna raġunijiet, fosthom: li qed jinqabad ħafna ħut u ħlejjaq oħra bla rażan; fdalijiet tax-xbieki li jibqgħu fil-baħar; it-tkarkir li jeqred kollox; l-ankri li qed ikunu ta' dannu għal qiegħ il-baħar; iż-żjut u l-kimika tal-makkinarji tal-opri tal-baħar u l-ħmieġ tal-ħut tal-*fish farms. Aħna nħossu li għandu jkun hemm liġijiet u l-infurzar tagħhom li jirregolaw dawn il-perikli. Jekk mhux sa nħarsu l-baħar, minbarra li nkunu qed neqirdu l-ħajja fih, inkunu qed neqirdu lilna nfusna.* Kemm se ndumu nissagrifikaw ħlejjaq minħabba t-traskuraġni u l-progress, jekk dan nistgħu nsejħulu progress? Fejn hu r-rispett lejn il-ħolqien? Fejn hu r-rispett lejna nfusna?

Aħna ma qgħadniex b'idejna fuq żaqqna. Ħdimna qatigħ biex insalvaw l-ambjent marittimu.

(a) Bl-għajnuna tal-Aġenzija tat-Turiżmu, qassamna konteinituri għal-loqom tas-sigaretti li jistgħu jerġgħu jintużaw lill-komunità tal-iskola.

(b) Bis-saħħa tal-YRE ngħatajna fondi biex xtrajna basktijiet tad-drapp li qassamna lil kull student biex jintużaw minflok il-boroż u/jew basktijiet tal-plastik.

(ċ) Permezz tal-midja soċjali tellajna informazzjoni, eżempji ta' kif nistgħu nagħmlu użu tal-iskart u vidjows magħmulin minnha t-tfal dwar prodotti mingħajr kimika u l-proċess ta' kif isir flixun tal-plastik.

(d) Organizzajna wkoll diversi attivitajiet dwar it-tniġġis tal-baħar, fejn fihom inkludejna lill-ġenituri u l-kustodji tat-tfal u ħadna l-opportunità li norganizzaw logħob b'affarijiet użati.

(e) F'Jum iċ-Ċelebrazzjoni tellajna reċta, *Act Now on Marine Litter*, fejn fiha l-*props* u l-kostumi kienu kollha magħmulin minn affarijiet riċiklati.

(f) Irrekordjajna d-diska *S.E.A. let's care and act!* ġo studjow professjonali imma l-vidjow ma stajniex nagħmluh minħabba l-Covid-19. Kemm nixtiequ li tintuża u tinstema' mill-poplu Malti u forsi wkoll tagħmel suċċess fuq YouTube!

Inħossuna kburin u mimlija kuraġġ meta l-awtoritajiet jagħtu kas ta' dak li ngħidu aħna. Ngħidu grazzi kbira lis-sindku tal-Isla, Clive Pulis u lis-sindku tal-Kalkara, Wayne Aquilina, tal-għajnuna u s-sapport li dejjem jagħtuna. Ngħidu grazzi wkoll lill-Ministru Aaron Farrugia li laqa' l-proġett tagħna dwar il-mural ġewwa l-bajja tar-Rinella biex ngħallmu lin-nies li jżuru l-

bajja li dak li qed jarmu qed jispiċċaw jikluh huma stess. Kemm nixtiequ li naraw dan il-mural lest u li tibda s-sistema tat-trolleys tas-sigaretti fuq il-bajjiet li konna ssuġġerejna.

Aħna t-tfal mimlija entużjażmu, enerġija u motivazzjoni. Nixtiequ li nikbru u nibqgħu ngħixu b'baħar sabiħ u naraw il-ġmiel tad-dinja. Onoroveli, nixtiequ fuq kollox li jkun hawn iktar edukazzjoni fuq żvilupp sostenibbli sabiex nibdlu l-mentalità tan-nies. L-ekonomija hi importanti imma x'tiswa jekk l-ambjent u s-soċjetà jkunu mħassra?

Għas-sajf inħeġġu lil kulħadd sabiex: il-passi li tħallu fejn il-baħar ikunu tagħkom u mhux tal-iskart u t-tniġġis li tħallu warajkom! Grazzi.

---

## Intervent mill-istudenti tal-Kulleġġ San Dwardu, il-Birgu dwar it-Tniġġis tal-Baħar u t-Telf tal-Bijodiversità.

Onorevoli Membri Parlamentari,

Aħna Kurt John Grech u Gianluca Baldacchino mill-Kulleġġ San Dwardu, fil-Birgu. Illum nixtiequ nkellmukom ftit dwar tema li għandna ferm għal qalbna: it-tniġġis tal-baħar u t-telf tal-bijodiversità.

Malta, bħala gżira fil-Mediterran, tiftaħar bil-baħar nadif u sabiħ li għandha. Diversi ministeri użaw il-baħar biex jippromwovu lil Malta mat-turisti. Ħafna Maltin iħobbu jgawdu l-baħar speċjalment fix-xhur tas-sajf.

Iżda, qed naraw li aktar ma jgħaddi żmien, aktar qed ikollna bajjiet imniġġsa. It-tniġġis qed jiġi minn sorsi differenti. Filwaqt li d-dranaġġ kien problema kbira, li ssolviet sa ċertu punt, l-ibħra Maltin għadhom qed jitħammġu minħabba r-rimi tal-iskart li mhux suppost u minn dgħajjes li jkollhom xi tnixxija ta' fjuwil, fost affarijiet oħra.

F'dawn l-aħħar sentejn, bħala Kumitat tal-EkoSkola, ħdimna u rriċerkajna ħafna dwar l-istat tal-ibħra Maltin. Rajna kif, minħabba l-pandemija, l-ammont ta' skart mormi fil-baħar żdied b'mod allarmanti hekk kif in-nies bdew jixtru aktar take-aways, imorru jieklu fejn il-baħar, u wara ma jarmux l-iskart kif suppost. Minħabba l-Covid-19 żdied ħafna l-użu tad-disposables u plastik single-use, li ta' spiss jingħata lin-nies bl-addoċċ, u n-nies tarmihom bla ma taħsibha darbtejn. Minħabba l-inċidenza ta' riħ qawwi f'Malta, skart li ma jinġabarx mill-laned taż-żibel jew jitħalla mal-art, malajr jispiċċa fil-baħar.

Dan l-ammont kbir ta' plastik fil-baħar qed iwassal għal problema kbira oħra li hija l-microplastics. Dan hu plastik li jkun tkisser f'biċċiet mikroskopiċi, li għalkemm jien u int ma narawhx b'għajnejna, jeżisti u jidher taħt mikroskopju. Aħna tkellimna wkoll ma' grupp ta' riċerkaturi mill-MCAST u l-NGO Żibel, li qed jagħmlu studju jismu *Project Impact* dwar liema bajjiet f'Malta għandhom l-ogħla inċidenza ta' microplastics. L-affarijiet li qalulna kienu pjuttost xokkanti. Fejn qabel konna nitgħallmu li ħlejjaq tal-baħar bħal balieni jieklu l-plankton, illum nistgħu nżidu ingredjent ġdid fid-dieta tagħhom: il-microplastics. Minnbarra li l-microplastics huma problema kbira għall-imsaren ta' dawn il-ħlejjaq, huma wkoll ta' problema għalina. Ma ninsewx li jekk il-ħut qed jiekol il-plastik, aħna, li qed nieklu l-ħut, nispiċċaw nieklu l-plastik ukoll. It-tniġġis tal-ibħra jwassal ukoll għal mard fil-ħut, fil-ħlejjaq marittimi oħra, kif ukoll fil-bnedmin.

Kontu tafu li 95% tal-affarijiet mormija fil-baħar Mediterran huma magħmulin mill-plastik? Il-fkieren u d-dniefel huma żewġ ħlejjaq marittimi li qed imutu b'rata mgħaġġla ħafna minħabba f'hekk. Spiss nisimgħu bi stejjer tal-biki ta' xi fekruna bla jdejn u b'infezzjoni gravi, jew ta' xi denfil li jispiċċa mejjet minħabba xi plastik jew għax tħabbel fin-nylon tax-xbieki tas-sajjieda.

Faċli ngħidu "imsieken" jew "jaħsara", iżda lesti li nagħmlu xi ħaġa konkreta biex nibdlu din ir-realtà? Lesti nibdlu l-kumdità u l-attitudni li ma nħabblux rasna u forsi naħsbu aktar fuq il-futur sabiex ma nikbrux f'dinja fejn fil-baħar aktar ikun faċli naraw tazzi tal-plastik, fliexken tal-luminata, wrappers tal-ikel, frieket u skieken tal-plastik milli xi stilla tal-baħar jew rizza?

Aħna t-tfal u ż-żgħażagħ ilna snin inħabblu moħħna fuq x'jista' jsir biex ma jkunx hawn iktar tniġġis tal-baħar u telf ta' bijodiversità. Aħna, bħala kumitat, konna ħadna sehem fi clean up fil-bajja ta' San Tumas, f'Wied il-Għajn, u nħossu li l-Gvern għandu jagħti inċentivi u sapport, anke finanzjajru, lill-kumpaniji u lill-NGOs li jagħmlu dawn l-attivitajiet b'mod regolari. Skejjel u entitajiet pubbliċi għandhom jagħtu sehemhom u jieħdu sehem f'xi clean up.

Inħossu wkoll li għandu jkun hemm kontroll fuq l-apparat tas-sajd tas-sajjieda tagħna, min jamministra take-aways u r-ristoranti viċin il-bajjiet u min jiekol fejn il-baħar. Għandu jkun hemm multi ħorox, wardens biex jinfurzawhom, sinjali b'tagħrif dwar il-ħsara li jagħmel il-plastik fuq il-ħajja tal-baħar u monitoraġġ tal-laned taż-żibel ta' ħdejn il-baħar biex jitbattlu aktar ta' spiss qabel ma jfuru bl-iskart.

Apparti milli nieħdu ħsieb ir-rimi tal-iskart, hemm bżonn ukoll nieħdu ħsieb il-ħlejjaq tal-baħar. Għandu jkun hemm kwoti fuq kemm jista' jinqabad ħut sabiex dan ikun jista' jerġa' jkattar u l-popolazzjoni ma tinqeridx. Ħemm bżonn li jkun hemm CCTV cameras fil-bajjiet u żoni apposta fejn wieħed jista' jpejjep u oħrajn fejn ma jistax, biex b'hekk jitnaqqsu l-filtri tas-sigaretti mir-ramel u l-baħar. Il-familji jistgħu jingħataw pożati tal-bambù, basktijiet tad-drapp jew beeswax food paper u l-ħwienet jiġu mħajra jagħtu skont lil min imur jixtri u juża l-konteorituri tiegħu flok jitlob konteorituri tal-plastik.

Filwaqt li hemm ħafna nies li jafu li għandna nnaqqsu l-użu tal-plastik, għad hemm bżonn ta' aktar edukazzjoni. Li nqassmu l-karti fid-djar mhuwiex biżżejjed, apparti l-fatt li b'hekk inkunu qed neqirdu aktar siġar. In-nies, speċjalment dawk anzjani, għandhom jaraw kif nużaw ċerti prodotti u kif innaqqsu l-iskart. Hemm bżonn li n-nies tagħraf ir-riskji li l-plastik joħloq għas-saħħa tagħna. Dis-sena rajna kif f'ħakka t'għajn saħħitna spiċċat fil-periklu, minħabba virus żgħir. Allura għalfejn ninjoraw il-problema tal-microplastics fl-ikel tagħna, qabel ma tikber tant li ma tkunx tista' tissolva?

Nikkonkludu billi nirringrazzjawkom tal-attenzjoni u nisħqu li għalkemm diġà sar ħafna xogħol u studju, għad għandna bżonn inkomplu naħdmu flimkien sabiex l-ibħra Maltin ikunu aktar nodfa u l-fawna marittima tkun tista' tgħix ħajja bla periklu u għaldaqstant ikollna biex niftaħru li Malta hija verament djamant f'nofs il-Mediterran. Grazzi.